**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors Kongunt Nru : 104/16 AL

**AB**

**VS**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijet izzewgu f'Malta, fil-Parrocca ta' Marija Bambina tal-Isla, Malta, nhar il-Gimgha l-1 ta' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) u z-zwieg taghom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-tmienja (8) ta' Awissu tas-sena 2008 u dan minn kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness u markat 'Dok A';

Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) redatt minn Nutar Dottor Amanda Grech, hawn anness u markat 'Dok B' u l-konjugi mara irrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe Fabri;

Illi minn dan iz-zwieg tal-koppja l-esponenti konjugi Clayton Farrugia u Eleonor Fabri ma kellhomx tfal;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' seprazzjoni (pagna 3 klawsoli numri 6 u 7) l-partijiet reciprokament iddekadew illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ilhom aktar minn erba snin legalment u fattwalment separati minn xulxin u qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmiaj jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu, 2016;

Semghet liz-zewg rikorrenti jikkonfermaw ir-rikors taghhom bil-gurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Dicembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.